**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 296/2023/1**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**John Borg**

**Illum 9 ta Jannar 2023**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **John Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0430258M**, gie imressaq il-Qorti u akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**Nhar l-10 ta' Ottubru 2020 ghall-habta ta' 19:00hra gewwa r-residenza Santa Maria, 21, Flt 3, Triq is-soll, Santa Venera;**

1. Hebb kontra l-persuna ta' martek Carmela Borg sabiex tingurjha, idejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm –il darba l-fatt ma jkunx waqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-kodici;

2. Ingurjat jew hedded lil martek Carmel Borg jew ghamilt theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, ungurjat b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Carmela Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-24 ta' Lulju ,2023, fejn  sabet lill-imputat John Borg hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fejn konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tinzamm il-paci bejn il-partijiet kif ukoll l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu illi ma jimmolestax, ma jiffastidjaxu ma jdejjaqx lil Carmela Borg ghal zmien tnax –il xahar (12) u dan taht penali ta' elf u hames mitt Euro (€1500) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiz-zminijiet sipulati minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Awwissu ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju 2023 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi fis-sens illi ssib lill-esponenti John Borg mhux hati tal- imputazzjoni kollha dedotti kontrih.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

<u>Apprezzament Żbaljat tal-Provi Prodotti</u>

Illi umilment jigi sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqghu 'l boghod mill-grad rikjest mil-ligi fil-Kamp Kriminali, u in oltre' l-esponenti umilment ihoss illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet illi tinjorahom jew li ma ttihomx l-importanza li jisthoqqilhom.

Illi jibda jinghad illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi l-esponenti, minkejja li m'huwiex obbligat li jixhed, huwa ddecieda lijixhed u fil-fatt ta spjegazzjoni tal-verzjoni tal-fatti.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-Prosekuzzjoni ma lahqitx dak il-grad ta' prova li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni fil-kaz odjern, u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tillibera lill-esponenti miz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrih, u dan hekk kif ser jigi spjegat f'dan ir-rikors;

i. **L-ewwel imputazzjoni**

Illi huwa evidenti illi l –Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti in kwantu ghal din l-imputazzjoni. Jidher pero' illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-verzjoni moghtija mill-*parte civile* u mit-tifla taghha Anneliese Borg D'Agostino, u skartat ghal kollox it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b'mod car li l-esponenti m'huwiex hati ta' din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fl-ewwel lok, meta l-esponenti xehed in difeza, huwa kkonferma li kien qed jilletika ma' Anneliese Borg D'Agostino u ma kienx qieghed jitkellem mal-*parte civile.*

Illi fit-tieni lok, l-esponenti sahaq illi meta huwa gie sabiex johrog mill-kamra tal-kcina, hu u l-*parte civile* spiccaw biex ghaddew minn ma' xulxin u dan minhabba nuqqas ta' spazzju. L-esponenti cahad illi huwa hebb jew imbuttaha lill-martu l-*parte civile.*

Illi huwa interessanti wkoll illi fil-verzjonijiet illi taw il-parte civile u Anneliese Borg D'Agostino fuq dan l-incident in kwistjoni, huma lanqas qablu fuq fejn kienet ezatt il-*parte civile* fil-hin tal-incident. Min-naha wahda, l-parte civile tghid hekk:

> *Xhud: Annelise, it-tifla qabdet u qaltlu jekk trid itla' fuq il-bejt, zvojta l-kexxun u tellaghhom fuq il-bejt.*
>
> *Qorti: Ehe, u meta Annalise kellmitu b'dan il-mod inti fejn kont sinjura?*
>
> *Xhud : Fil-kcina*
>
> *Qorti: Igifieri kont hdejha ?*
>
> *Xhud: Ehe*

*Qorti: Fl-istess kamra.*

*Xhud: Ehe, ehe.*

Illi pero' min-naha l-ohra, Anneliese Borg D'Agostino tghid hekk fix-xhieda taghha:

*Qorti: Qed nifhem li hemm freezer jew fridge fuq il-bejt.*

*Xhud: Hemm freezer fuq il-bejt hemm kamra fuq il-bejt u hemm freezer fuq il-bejt fejn kien hemm affarijiet ohra, iktar affarijiet.*

*Qorti: U l-mummy tieghek dak il-mument fejn kienet?*

*Xhud: Fil-kamra tas-sodda*

*Qorti: Kienet fil-kamra tas-sodda.*

*Xhud: Ezatti*

*Qorti: Igifieri inti meta kellimtu b'dan il-mod ma kinietx prezenti fil-kcina mieghek?*

*Xhud: Le,kont, il-mummy kienet qieghda dil-kamra tas-sodda u jiena kont qieghda, ghax il-kamra tas-sodda u l-kcina qieghdin hdejn xulxin.*

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, il-kamra tal-kcina u l-kamra tas-sodda li taghmel uzu minnha l-parte civile certament li ma jistax jinghad illi huma wahda u l-istess kamra. Illi ghahekk, l-esponenti umilment jissottometti illi x-xhieda lanqas ikkorroboraw fejn kienu meta sehh l-allegat incident u allura, wiehed ma jistax jifhem kif tali kliem gew indirizzati fil-konfront tal-mara bhala *parte civile* anke meta kienet it-tifla illi holqot u pprovokat l-incident meta bdiet tiddetta x'ghandu jaghmel l-imputat gewwa daru meta l-konjugi Borg kienu juzaw l-oggetti fid-dar indaqs. Ghaldaqstant, l-appellant jissottometti illi tali dubji jimmilitaw a favur tieghu.

Illi ghaldaqstant, hija l-umli sottomissjoni tal-sponenti illi huwa m'huwiex hati ta' din l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi konklussivi dwar il-htija tieghu u li ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-ewwel imputazzjni migjuba kontra l-appellant, anke tenut kont tal-provokazzjoni da parti ta' bintu fil-konfront tieghu.

## ii. It-tieni imputazzjoni

Illi anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat ghal kollox it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b'mod car illi l-esponenti lanqas ma hu hati ta' din l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Illi hekk kif diga ntqal iktar 'l fuq f'dan ir-rikors, fil-hin ta' dan l-incident, l-esponenti kien qieghed jilletika ma' Anneliese Borg D'Agostino u mhux mal-*parte civile*. Sahansitra huwa sahaq illi lanqas biss kellimha lil Carmela Borg.

Illi in oltre', u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas ma hadet in kunsiderazzjoni fid-decizjoni taghha dak li sahaq l-esponenti fix-xhieda tieghu meta qal li Anneliese Borg D'Agostino qaltlu sabiex ma jmissx lil ommha ( xi haga li huwa cahad li ghamel ) ghaliex inkella toqtlu.

Illi ghalhekk, hija l-umli sottomissjoni tal-appellant illi stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha skont il-grad rikjest ml-ligi fil-kamp Kriminal, l-esponenti ghandu jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Novembru 2023.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-eduta tas-7 ta' Dicembru, 2023

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jsostni li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif imresqa quddiemha.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illighalhekk dinil-qorti , bhala qorti ta revisjoni trid tesamina mill—gdid il-provi imresqa u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta met atat id-decisjoni taghha fis-sens li kienet *safe and satisfactory.*

Rat l-affidavit ta' **PS 1500 A Cutajar** mahluf nhar it-2 ta' Dicembru, 2020 u spjega kif nhar it-12 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tal-17.07 p.m Carmela Borgu bintha Annelise Borg D'Agostino stqarrew li xtaqu jaghmlu rapport fil-konfront ta' John Borg li hu r-ragel ta' Carmela u missier Annellise.

Il-kwerelanti stqarrew li nhar l-10 ta' Ottubru, 20020 ghall-habta tas-19.00 kienu jinsabu gewwa r-residenza taghhom 21 Flat 3, Triq is-Soll Santa Venera fejn Annelise kienet ghadha kif irritornat mix-xoghol taghha fejn missierha ried kexxun tal-freezer vojt sabiex ikollu spazju biex jiffriza flixkun fejn Annelise qaltlu jekk irid jtella l-affarijiet li kien hemm fil-freezer fuq il-bejt biex ikun jista' jitfa dak il-flixkun.

Annelise kompliet tistqarr li John beda jgholli lehnu u qal lil Annelise li mhux lest jitla fuq il-bejt habba f'hekk fejn Annelise u John komplew jargumentaw u billi jitla ma kien ser jigri xejn . F'dak il-mument kien hemm Carmela li kienet diehla ghal kamra tal-kcina u fil-pront John imbotta lil Carmela fejn Annelise mbuttatu lura.

Annelise kompliet tistqarr li meta rat hekk qalet lil John li kien ikun hazin ghalih jerga jaghmilha fen John qal li Carmela li kienet qeda tahbilu l-ittri u jekk jerga isib li hbietlu l-ittri ikisrilha rasha u li jkun hazin ghaliha fejn imbaghad John kompla jghajjat u mar fil-kamra tas-sodda. IL-kwerelanti stqarrew li dan ma kiennxl-ewwel darba li John gab ruhu b'dak il-mod u li ghamlu rapport li izda qatt ma xtaqu jipprocedu l-qorti.

Il-pulizija mill-ghassa tal-Hamrun ghamlu kuntatt telefoniku mat-taqsima tal-Vjolenza DOmestika ( WPC 194) fejn giet infurmatha b'dan ir-rapport fejn hija giet infurmatha li l-kwerelanti sxtaqu jghamlu rapport ghal referenza futura u li John jigi imwissi mill-pulizija , ghalhekk QPC 194 stqarret tghid li dan ir-rapport jigi imnizzla bhala case of civil nature u l-pulizija tal-ghasa tal-Hamrun jiehdu versjoni biss ta John minghjar ma jinhargu akkuzi peress li l-kwerelanti ma jsitiequx li jittiehdu passi kriminali l-Qorti.

Fuq ordni ta' l-ispetttur Audrey Micallef mit-taqsima tal-Vjoenza Domestika giet infurmatha b'dan kollu fejn min naha taghha tat struzzjonijiet sabiex il-kwerelanti jirraportaw gewwa t-taqsima taghhom Annelise Borg D'agostino flimkien ma Carmela Borg.

**Carmela Borg** xehdet nhar id-29 ta' Novembru 2022 fejn spjegat dak li kien sehh fis-7 ta Marzu 2022 li ma jifformax parti mill-akkuzi odjerni . Wara ghaddiet biex tispjega dak li kien sehh nhar l-10 ta Ottubru 2020 meta zewghha l-appellant kien amr biexidahhal flixkun ilma fil-freezer biex l-ghada jiehdu xoghol mieghu u sab li l-freezer kienet mimlija affarijiet u Annelise qaltlu biex jekk ried iahhal xi haga fil-frezer kellu jitla fuq il-bejt bihom. Huwa beda jghajjat ghax ma riedx jitla' fuq il-bejt izda ried li jsib kexxun vojt. Hija u diehla fil-kcina imbuttaha u baqa' sejjer fil-kamra tieghu. Qala' l-lozor ghax ried jahsilhom darbtejn fil-gimgha izda hija ma rieditx tahsilhom iktar minn darba fil-gimgha. Dahal fil-kamra tas-sodda u qalilha li qed tmisslu l-ittri u qallha hazin ghalija jekk ikun jaf li qed tmislu l-ittri . Mistoqsja fejn huma dawn l-ittra tghid li ma tafx. Tikkonferma li dan l-incident sehh id-dar tghhom fi Triq is Soll, Santa Venera. Ikkonfermat li zewghha imbuttaha u beda jitkellem hazin u jidghi.. Qalilha li kien ser ikisrilha rasha. Hija baqghet fejn kienet fil-kcina. Hija fl-ebda hija ma insulentatu jew ghajtet. Kienet it-tifla Annelise li qaltlu li setgha jmur fuq il-bejt bil-flixkun tal-ilma . Hija komliet ix-xhieda taghha bili spejgat dak li kien allegatament gara fit-13 ta Dicembru 2020 izda dan l incident ukoll m ajifformax parti mill-akkuzi odjerni.

**Annelise Borg D'Agostino** xehdet nhar id-29 ta' Novembru 2022 xehdet fuq incidenti li kienu isisru f'dar il-genituri taghha pero dwar dak li allegatament sehh nahr l-10 ta Ottubru 2020 ma qalet xejn.

**John Borg** xehed minn jeddu b'mod volontarju nhar l-10 ta Jannar 2023. Spjega dak li kien gara nahr it-23 ta Awwissu 2020 li ma jifformax parti minn dan ir-rapport. Wara spjega dak li kien sehh b'relevanza ghall-kawza odjerna u cioe nhar l-10 ta' Ottubru, 2022. Jghid li bintu Annelise ried li huw abniedem ta 62 sena jitla' fuqil-bejn sabiex ipoggi flixkun ta' ilma fil-kexxun tal-freezer. Qal li martu imliet il-kxaxen tal-freezer I kein fil-kcina bil-lahmijiet u ghalhekk ma kienx hemm spazju ghal flixkun tal-ilma . Dak il-hin martu semghatu jilletika ma bintu Annelise u hareg jigri mill-kcina u hi dahlet bejn il-bank . Bejn is-siggu u l-hajt ma tantx hemm boghod u ghaddew minn hdejn xulxin. Annelise dak il-hin qabzet u qalltu '*ara biss tmiss lil ommi ghax jien noqtlok'* Ghalhekk telaq 'l hemm Jghid li dak il hi laqat lil Carmela bi zbrixx mhux ghax ried . Qal li ma imbuttahiex Jichad li hebb ghal Carmela Borg Jghid li dakinahr kellu xi jghid ma Annelise u mhux ma martu. Dakinhar jghid li lis-sinjura Borg ma kien qallha xejn. Jichad li kien hemm xi diskors ta tghajir jew ta theddid.

Ikkonferm ali l-freezer juzawha l-erbgha li huma Jikkonferma li dakinahr fl-ebda hin ma tkellem mas-sinjura Borg

Illi l-ewwel Qorti hija tal-fehma li l-aprte civile kient aktar konsistenti fid-deposizzjonit aghha . Ma hemmx dubbju li l-aprtiejti jaqblu dwar id-dinamika tal-incident u cioe li l-appellant xtaq idahhal flixkun tal-ilma fil-freezer tal-kcina izda dan kien mimuli u li kient bintu Annelise li qaltlu beix jitlaq fuq il-bejt sbei xipoggih fil-freezer li hemm fuq il-bejt . Jidhe rli hemm qbil ukoll li is-sur Borg dahal fil-kcina meta l-kwerelanti kient ghada hemm. Is-sur Borg pero jichad li kellem hazin lill-kwerelanti u li ghajjarha u li imbottha. Jghid li fl-ebda hin ma tkellam maghha izda tkellem biss ma bintu. Jghid li mhux minnu li imbuttaha izda ghadda min maghha zbrixx.

Illi din il-Qorti fid-dawl tac-cirkosstanzi tal-kaz u cioe tar-rabja li kellu l-appellant dakinhar minhabba il-manjera li tkelmet bintu mieghu spiccat vitma l-kwerelatni ghaliex infezz ighajajrha u sahansitra anke imbottaha. Hu stess jghid li bintu qaltlu li jekk imiss lil ommha kienet ser toqtlu. Dan hu indizju car li kien gja mess lill-ommha b'mod volontarju

L-appellatn isntabhati tal-kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 339 (1) d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deciz fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

> *"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*[1]

Fic-cirkostanzi tal-kaz u cioe met al-appellant imbotta lil martu fil-kcina dan l-agir jammonta ghall-kontranvezjoni moghtija fil-konfront teighu fl-ewwel akkuza u ghalhekk ghalet sewwa l-ewwel Qorti meta sabitu hati taghha.

[1] Vide ukoll Sentenza tad-9 ta' Novembru, 2011 Appell Kriminali Numru. 248/2011 Il-Pulizija v. Carmel Spiteri

Dwar it-tieni akkzua u cioe li ingurja jew hedde d lil martu jidher skond dak li qalet Carmela Borg waqt li kient fil-pedana tax-xhieda u lil PS 1500 meta irraportat il-akz a tempo vergine li zewghha l-appellant kien qal lillkwerelanti li ikun hazin ghalija jekk tmisslu l-ittri . Dan il-kliem jammonta ghal theddid u ghalhekk din l-akkzua tirrizulta ukoll.

Konsegwentement din il-Qorti qeda tichad l-appell tal-appellantu tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward piena.

Rigward l-obbligazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti din tibda tghodd mill illum ghall-perijdou ta' sena taht l-istess penali ta' elf u hames mitt euro fin -nuqqas li jobdi l-istess ordni moghtija mill-ewwel Qorti

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef